MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI RIMANDANTI

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2010

Numru. 885/2010

Il-Pulizija
(Spettur Chris Galea Scannura)

Vs.

Emilio Antonio Peralta Calderon

Il-Qorti,

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b’arrest lil Emilio Antonio Peralta Calderon, ta’ nazzjonalità Spanjola, ta’ tmienja u ghoxrin (28) sena, iben Ezechiel Peralta Calderon, imwieled Santo Domingo nhar l-10 ta’ Mejju 1982 u residenti fi Spanja, f’Avda De Andalucia, 32, BDG B, Flat 1-A, Madrid 28041, detentur ta’ l-Karta ta’ l-Identità Spanjola bin-Numru 9050074-K;

Wara li rat is-Schengen Information System Alert mahrug fuq talba ta’ l-Imhallef fi hdan is-Sezzjoni Penali Numru 1 tal-Qorti Provincjali ta’ Madrid (Seccion 1, Audiencia Provincjali), pajjiz skedat a tenur ta’ l-Artikolu 5 ta’ l-Avviz Legali 320 ta’ l-2004, u l-Mandat ta’ Arrest Ewropew datat 13 ta’ Dicembru 2009 mahrug mill-istess Qorti fil-konfront ta’ Emilio Antonio Peralta Calderon, u

wara li rat ic-Certifikat mahrug mill-Avukat Generali a tenur ta' l-Artikolu 7 ta' l-Avviz Legali 320 ta' l-2004;

Wara li semghet is-sottomissjonijiet maghmula mil-Prosekuzzjoni u mill-Avukat tad-Difiza ta' l-estradand;

Wara li semghet lil Emilio Antonio Peralta Calderon jikkonferma li huwa dak il-persuna ghal liema inhareg 'il fuq imsemmi Mandat ta' Arrest Ewropew;

Tiddikjara ai termini ta' l-Artikolu 10 ta' l-Avviz Legali 320 ta' l-2004 li l-persuna li qed tidher quddiem din il-Qorti huwa fil-fatt l-istess persuna kontra min inhareg il-Mandat taht Taqsima II ta' l-imsemmi Avviz Legali minn Spjana, kopja ta' liema mandat gie dikjarat mill-partijiet li nghatat lill-estradand;

Wara li ai termini ta' l-Artikolu 11 ta' l-Avviz Legali 320 ta' l-2004, il-Qorti infurmat lill-estradand dwar il-kontenut tal-Mandat ta' Arrest Ewropew mahrug kontra tieghu;

Wara li tat lill-estradand dik l-informazzjoni necessarja dwar il-kunsens ai termini ta' l-Artikolu 11(2) ta' l-istess imsemmi Avviz Legali;

Wara li spiegat lill-estradand l-import ta' l-Artikolu 43 ta' l-Avviz Legali 320 ta' l-2004;

Wara li semghet lill-estradand jiddikjara li huwa jaghti l-kunsens tieghu sabiex jintbaghat lura Spanja u li huwa mhux qed jirrinunzja ghad-dritt ta' specjalità koncess ai termini ta' l-Artikolu 18 ta' l-Avviz Legali 320 ta' l-2004;

Wara li semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li fil-prezent hemm pendenti fil-konfront ta' l-estradand proceduri kriminali hawn Malta;

Wara li rat l-Artikolu 28A ta' l-Avviz Legali 320 ta' l-2004 u wara li rat li d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 43 ta' l-imsemmi Avviz Legali gew osservati;

Tordna li Emilio Antonio Peralta Calderon ghandu jinzamm taht arrest izda tissospendi l-konsenja tieghu lil Spanja pendenti l-ezitu tal-proceduri kriminali prezentement pendenti fil-konfront tieghu u sakemm dawn jigu determinati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------